MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 135/2005/1

**Carmela sive Carrie Micallef**

**v.**

**Alfred Mangion**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment finali wara rikors maghmul minn Alfred Mangion fit-13 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tordna "it-twaqqif u s-sospensjoni" ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar 2005 fl-ismijiet premessi, u dan pendenti l-ezitu ta' rikors ta' ritrattazzjoni li diga` gie intavolat.

Fil-provvediment preliminari taghha tat-2 ta' Gunju 2005 din il-Qorti kienet tat sal-bierah, 13 ta' Gunju 2005, zmien lir-rikorrent sabiex jottempera ruhu mal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 823 tal-Kap. 12. Issa, jirrizulta li sal-lum il-garanzija msemmija ghadha ma saritx: in-nota ta' Alfred Mangion (u martu) tal-10 ta' Gunju 2005 hija biss semplici intenzjoni ta' hrug ta' ipoteka generali u ipoteka specjali, ghax dawn l-ipoteki ghadhom sal-lum ma gewx registrati ossia insinwati (Art. 2033(1), Kap. 16). U kuntrarjament ghal dak indikat mir-rikorrent fil-verbal ta' l-udjenza tal-lum, tali insinwa ossia registrazzjoni ma kienitx tirrikjedi l-intervent tar-Registratur, in kwantu hawn non si tratta ta' ipoteka gudizzjarja (ara Art. 2023, Kap. 16).

Konsegwentement, galadarba ma giex sodisfatt dak rikjest bl-Art. 823(2)(a) tal-Kap. 12, ma hemmx lok li din il-Qorti tindirizza l-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu (2).

Konsegwentement tichad it-talba ghat-twaqqif u s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza kif mitlub fir-rikors tat-13 ta' Mejju 2005.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------